MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-27 ta' April, 2009

Numru 158/2009

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Agius)

vs

Marc Attard

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’numru 428275(M) li hu akkuzat talli:

1. fit-23 ta’ Frar 2009 ghal habta ta’ l-10.00hrs, gewwa l-Imtarfa, minghajr hsieb li joqtol, jew li jqieghed il-hajja ta’ Brandon Bugeja mir-Rabat f’periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha jew li jista’ jgibilha disordni fil-mohh jew jista’ jgib sfregju gravi u permamenti fil-wicc, fil-ghonq jew f’wahda mill-idejn ta’ l-offiz, kif iccertifika Dr. A.

Zammit tac-centru tas-sahha tar-Rabat, bi ksur tal-Art 214, 216(b) tal-Kap 9.
2. fl-istess jum, lok u cirkostanzi, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Doris Bugeja mir-Rabat kif iccertifika Dr. A. Zammit tac-Centru tas-sahha tar-Rabat.
3. fl-istess hin, jum, lok, u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet pubbliku bl-ghajjat u glied bi ksur tal-artikolu 338 (bb) tal-Kap 9.

F'kaz ta' htija l-Qorti mitluba li tapplika l-provediment tal-art 383(1) tal-Kap 9 a favur ta' Doris u Brandon Bugeja.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament, mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni huwa insista anka wara li l-Qorti tathom zmien jirrikonsidraw;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-akkuzat tiddikjarah hati tal-akkuzi kontrih dedotti.

Rat l-Artikolu 214, 216(b) u 17 tal-Kap 9 u tiddeciedi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor f'perjodu ta' tlett snin mil-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

Tapplika kontra l-akkuzat l-Artikolu 383 tal-Kap 9 ghal sena li ma jimmolestax u ma jkellimx lill-familja Bugeja taht penali ta' €500 fin-nuqqas.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------